# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 27/12MH**

**Illum 26 ta' April, 2017**

**Amanda Bilocca (I.D. 271379M)**
**vs**
1. **Tabib Principali tal-Gvern**
2. **Dr. Mukola Katrich**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Amanda Bilocca fejn gie premess:

1. *"Illi a bazi ta' rapport tar-radiologu fl-Isptar Mater Dei, Dr. Mukola Katrich maghmul fl-4 ta' Ottubru, 2010, li kien jghid illi "The GB (Gall Bladder) is shrunken and filled with stones" – Dok. A - r-rikorrenti giet operata fl-10 ta' Dicembru, 2010 fl-Isptar Mater Dei mill-Kirurgu Mark Schembri ghal intervent maghruf bhala 'laporoscopic cholecystectomy' biex jigu rimossi s-'stones' mill-gall bladder.*

2. *Illi minn din il-laparoskopija, il-gall bladder ma setghetx tinstab u allura gie deciz lli l-laparoskopija tigi konvertita f'"open surgery laparatomy" u ghalhekk saret incizjoni Kocher fl-addomi tar-rikorrenti; izda xorta ma setghetx tinstab il-gall bladder. Il-kirurgu Schembri sejjah kirurgu iehor (Dennis Gatt) biex jikkonferma li l-pazjenta ma kelliex gall bladder, u meta dan it-tieni kirurgu wkoll ma setghax isib gall bladder fir-rikorrenti,*

*waqt l-istess operazzjoni, ddahhal konsulent radjologu (Dr. Martin Schranz) biex jghamel ultrasound fuq il-pazjenta li wkoll kkonferma illi l-pazjenta ma kelliex gall bladder u wisq anqas gall bladder "filled with stones".*

3. *Ghalhekk l-pazjenta regghet inqghalqulha l-incizjonijiet maghmula. Immedjetament wara l-operazzjoni, l-Kirurgu Schembri informa lir-ragel tar-rikorrenti x'kien gara u cioe illi opera lill-martu ghal xejn izda kien ghamel dan billi bbaza ruhhu fuq r-rapport tar-radjologu li rrizulta kompletament zbaljat.*

4. *Illi bhala rizultat tal-intervent u operazzjoni inutili, ir-rikorrenti garrbet dizabbilta' permanenti konsistenti principalment fi 'scars' fl-addomi taghha kif iccertifika il-Kirurgu Anthony Zammit fir-rapport tieghu – hawn ezibit bhala Dok. B.*

5. *Illi l-intimat Tabib Principali tal-Gvern, bhala Kap tad-Dipartiment tas-Sahha, huwa responsabbli ghal dak li jigri fl-Isptar Mater Dei.*

6. *Illi l-operazzjonijiet inutili sehhew minhabba htija, nuqqas professjonali, negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti mill-impjegati tal-konvenut Tabib Principal ital-Gvern fl-Isptar mater Dei u b'mod partikolari tat-Tabib Mukola Katrich.*

*Ghalhekk ir-rikorrenti qed titlob illi dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti minhabba htija, nuqqas professjonali,*

*negligenza, imprudenza, traskuragni, jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti;*

2. *Tillikwida l-istess danni konsegwenzjali li sofriet ir-rikorrenti, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk llikwidata dovuta in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Dicembru, 2010 u tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Novembru, 2011 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-intimati Tabib Principal ital-Gvern u Dr Mukola Katrich li permezz taghha esponew:

1. *"Illi t-Tabib Principal ital-Gvern huwa responsabbli biss ghal culpa in eligendo u culpa in vigilando u ghalhekk ma jirrispondi ghal ebda dannu reklamat u pretiz mir-rikorrenti stante illi dan ma sehhx tort ta' xi nuqqas de parti tieghu.*

2. *Illi minn naha l-ohra Dr Mukola Katrich jirrispingi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet vantati mir-rikorrenta stante dak kollu li ghamel huwa ghamlu skond l-arti u s-sengha. Ir-rapport illi ghamel, ghamlu b' attenzjoni kbira u mhux kif allegat mir-rikorrenta.*

3. *Illi fid-dawl tas-suespost l-intimati jirrispingu in toto l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet vantati mir-rikorrenta."*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

**Provi mressqa**

L-Attrici presentat zewg affidavts fil kors ta' dawn il-proceduri.

Fl-ewwel wiehed[1] tghid li kienet thoss ugigh f'zaqqha u konsegwenza ta' hekk fittxet l-ghajnuna ta' Mr. Schembri li ordnalha li taghmel *ultra sound* gewwa l-isptar *Mater Dei*. Qalet li n-*nurse* kienet haditha ghand ir-radjologu li la kienet taf u lanqas kien ta' l-ghazla taghha u dana kif beda jaghmel l-*ultra sound* mill-ewwel saqsieha jekk kienetx ghamlet xi operazzjoni, l-attrici wegbitu li kienet ghamlet biss raxkament. Tghid li rega saqsieha jekk kienetx ghamlet operazzjoni li fiha tnehhitilha l-marrara.

Qalet li fis-7 ta' Ottubru regghet marret ghand Mr Schembri biex jaghtiha r-rizultat tat-testijiet, cioe ta' l-*ultra sound*. Qalha li l-*ultra sound* kienet turi li kellha mararra mixruba u mimlija gebel. Spjegalha li kellu jnehhilha il-gebel b'operazzjoni zghira, *laperoscopy*. Ghal dan ghamillha appuntament ghall-10 ta' Dicembru, 2010 gewwa Mater Dei.

Ghalhekk fil-gurnata imsemmija saritilha l-operazazzjoni. Tghid li kif qamet mill-operazzjoni hdejha sabet lil ommha u lil zewgha u tghid li saqqsiethom x'kien gara u jekk kellhiex qasma zghira. Qalet li baqghet issaqsi lil kulhadd jekk kienetx "*key hole*". Tghid li hadd ma wegibha imma nurse kienet qaltilha

[1] Fol 36.

li kellu jmur jkellimha Mr. Schembri. Hekk gara, spjegalha li waqt l-operazzjoni kienet inqalghet kumplikazzjoni, li ma kienux sabu marrara u li ghalhekk mar oltre l-*laperoscop*y u li kellu jiftah u jfittex aktar fil-fond. Qallha li ma setax isib il-marrara u ghalhekk ghajjat professur iehor ghal konsulta u saritilha anke *ultra sound* ohra kif kienet miftuha fuq l-*operation theatre*. Qalet li qallha li kien cert li ma kellhiex marrara u li hu kien mexa fuq ir-rizultat li kien tah ir-radjologu. Tghid li skuza ruhu maghha u nsista li hu mexa fuq ir-rapport imsemmi.

Spjegat li kienet mugugha hafna, li kellha balla pajpijiet hergin minnha, li kellha tiehu l-morfina, li kellha fetha ta' seba' pulzieri barra zewg toqob ohra u dana minhhabba zball.

Spjegat li kienet tibki il hin kollu ghax ma setax tnizzel dak li kien gralha.

Ukoll li darba li ntbaghtet d-dar, xorta ma setghet taghmel xejn minhabba l-ugiegh li kellha, lanqas li tiehu hsieb lil bintha ta' sena u nofs. Tghid li kienet tqatta hafna zmien tfittex fuq il-kundizzjoni taghha u cioe *Agnesis of the Gall Bladder*. Insistiet li r-radjologu gialadarba ma kienx cert meta ghamel l-ultra sound immissu ghamel aktar testijiet bhal MRI, CT *scan*, HIDA *scan* u MRCP.

Qalet li damet ma dahhlet ghax-xoghol sitt gimghat ghax anke mentalment ma kienetx tajba, tibki kif thoss il-qasma tugghahha jew tiftakkar fiha.

Spjegat li l-qasma kienet anker tidher mill-hwejjeg tas-sajf, li ma setghetx tilbes aktar bikini, li sahansitra kienet anke tiddejjaq tinza quddiem zewgha u li bdiet tbati anke r-relazzjoni taghhom ghax is-*self esteem* taghha kien *"go bir"*[2].

---

[2] Fol 39

Ziedet li fl-14 ta' Jannar, 2011 ghamlet HIDA scan u Mr Anthony Samuel ikkonfermalha li ma kellhiex marrara.

Qalet ukoll illi fis-sena 2009 kienet waqfet tahdem mal Baxter peress li zewgha kien *self employed* u bdiet tiehu hsieb l-accounts u l-amministrazzjoni ta' dan il-business.

Iddecidew li jibdew negozzju ta' manutenzzjoni, *"Emilio Bilocca Handyman Services"* dan fl-ewwel xhur tas-sena ta 2010. Qalet li minhabba li n-negozzju kiber sahansitra anke kellhom erba' impjegati maghhom, ukoll li hi kienet tiehu hsieb telefonati, taghti l-appuntamenti, tiehu hsieb il-pagi u l-korrispondenza relattiva, taghmel ordnijiet ta' xiri ta' materjal, taghmel il-pagamenti relattivi, tibghat il-kontjiet lill-klijenti u l-ircevuti relattivi kif ukoll izomm l-accounts tal-kumpanija. Ziedet li perress li hija ma kienetx accountant kwalifikata kienet tghaddi kollox lil awditur Chris Baldacchino.

Esebit erba' dokumenti mmarkati Dok AB1 sa Dok AB4[3] li juru l-*Profit and Loss Account* tan-negozzju msemmi ghas-snin 2012, 2013 u 2014 u l-ewwel erba'xhur tas-sena 2015.

Qalet ukoll li meta saritilha l-operazzjoni hija kellha wiehed u tletin sena. Qalet ukoll li wara l-operazzjoni xorta baqghet mugugha fejn giet operata, tghid li l-ahhar episodju ta' (ugigh) gralha fl-24 ta' Ottubru, 2014 u li tant kienet mugugha li kellha tirrikorri l-Emergenza gewwa Mater Dei skont ic-certifikat esebit bhala Dok AB6 [4].

[3] Fol 124-127
[4] Fol 129

**Emilio Bilocca** minn naha tieghu qal fl-affidavit[5] li martu kienet ghamlet *ultra sound* fuq struzzjonijiet ta' Mr Schembri u meta dana qralhom ir-rizultat ta' l-*ultra sound* qalhom li kien jindika li martu kellha l-gebel fil marrara. Zid li anke l-kobor tal-gebel kien indikat kien miktub fir-rapport. Qalhom dan il-kirurgu li dawn kienu jitnehhew b'*laperoscopy.*

Spjega lil gurnata ta' l-operazzjoni wara l-hin oltre dak indikat lilhom mill-kirurgu ghall-istess, dana mar ikellmu u spjegalu li kien sab problema, cioe li ma kienx sab il-marrara u li din  gieli skontu tkun mohbija pero li ma hass lanqas ebda gebel. Iddecida li jiftah izjed.  Infurmah li anke ghajjat l-assistenza ta' specjalista iehor Mr Denis Gatt li wkoll ma setax isib il-marrara. Il-kirurgu spjegalu wkoll illi nonostante li anke tefa likwidu kulurit fl-imsaren ta' martu biex jiccekkja l-marrara kienetx fil-fwied xorta dana tah rizultat negattiv. Qal li t-tabib ikkonfermalu li l-operazzjoni ta' erba' sieghat kienet saret ghal xejn, pero baqa jinsisti mieghu dana Mr Schembri (ighid ghal mitt elf darba) li huwa kien mexa fuq ir-rapport tar-radjologu. Zied li kien l-istess konsulent li kien ghadda lil martu r-rapport tar-radjologu. Ikkonferma wkoll illi fl-14 ta' Jannar, 2011 martu ghamlet HIDA scan u Mr Anthony Samuel ikkonfermalhom li hi ma kellhiex marrara.

Kompla li martu qatt ma giet l-istess wara din l-operazzjoni, spjega li ma kellhiex *self esteem* tisthi tilbes *bikini,* tisthi tinza quddiemu, li tbaghti biex terfa sahansitra anke lit-tarbija taghhom u li kienet tistenna lilu jasal mix-xoghol biex terfa xi oggett.

**Mr Mark Schembri** xehed quddiem il-perit legali Mr Charles Swain[6] ikkonferma lir-rizultat bil-miktub ta' l-*ultra sound* li hu rceva minghand l-

---

[5] Fol 39
[6] Fol 54

intimat Dr.Katrich kien ghalih *"inekwivoku[7]"* u li a bazi ta' dan li hu ssugerixxa lill-attrici biex tigi operata u titnehhielha l-marrara. Dana l-intervent skontu kellu jkun wiehed *"keyhole"*, hekk imsejjah *Laperoscopy*. Ikkonferma li waqt l-operazzjoni hu ma sab ebda marrara u li sahansitra sejjah aktar konsulenti minhabba f'hekk biex jassistuh fl-istess kirurgija, semma lil Dr.Dennis Gatt, Dr.Martin Schranz, Dr.Warren Scicluna. Presenta ukoll rapport ta' l-istess kirurgija redatt minn Dr.Martin Schranz[8].

Zid li wara l-kirurgija u gharraf bl'akkadut lil konjugi Bilocca li wrew disappunt li dina kienet saret ghal xejn.

Ikkonferma r-rarita' tal-kundizzjoni ta' l-assenza tal-marrara.

Quddiem l-istess perit legali xehdet ukoll **Dr.Salvina Zrinzo** li kienet insistenti li mill-*image* li rat, allura dik li fuqha kien ta r-rizultat tieghu l-intimat Katrich, hija kienet tasal ghall-istess konklussjoni. Ziedet li f'kaz ta' dubbju dwar l-esistenza tal-marrara wiehed seta jirikorri ghal investigazzjonijiet ulterjuri bhal MRCP. Pero qalet ukoll li l-*ultra sound* kienet procedura *standard* biex isir djanjosi tal-marrara.

Xehed ukoll l- konvenut **Mukola Katrich** li qal li kien ilu radjologista mis-sena 1981 u li sa dan il-perjodu huwa kien ghamel circa hames mitt elf *ultra sound*. Zied li hu qatt ma kien inkontra kaz bhal dan nonostante li kien ilu specjalista fir-radjologija gia sa mis-sena indikata, dan nonostante li hu kien jahdem gewwa sptar kbir, zid ukoll li hadd qatt ma kien urieh kaz simili.

---

[7] Ibid.
[8] DOK Y fol 58

In kontro ezami[9] mistoqsi kif la ma kienx ra l-marrara (*gall bladder*) nizel fir-rapport tieghu li "*The GB shrunken and filled with stones. CBD is 4mm.*"[10], allura kif seta ra anke il-kejl tal-gebel, wiegeb illi hawn kien qed jirreferi ghal *common bile duct* (CBD), u li kien importanti ghalih kien il-*bile duct* kienx *obstructed* jew le. Qal li dak li kien jindika l-bzonn ta' intervent kirurgiku ma kienx il-*gall bladder* imma gebel li jkunu qed jostakkolaw il-*bile ducts*. Spjega li ghalhekk fir-rapport tieghu kien qieghed jindika illi l-*bile ducts* ma kienux normali fid-dijametru taghhom u ghalhekk kien necessarju intervent kirurgiku.

Jghid li hu kien qed jindika l-funzjoni tal-fwied "*CBG diameter ..means that the bile ducts are not normal, not effecting the function of the liver. It means for surgery*"[11]

Qal li fl-ultra sound thares biss lejn parti wahda tal-gisem, dan biex jispjega in-nuqqas ta' dehra tal-*gall bladder*. Spjega ukoll li kien hemm ezamijiet avanzati aktar li setghu jsiru bhal *Tomograp*hy, MRI.

Baqa insistenti li tul il-karriera tieghu ta' radjografu qatt ma kien iltaqa ma sitwazzjoni medika simili dik ta'l- assenza tal-marrara.

Rat ukoll il-prova dokumentarja presentati:

Ir-rapport mahrug mill-intimat **Dr Mukola Katrich**[12] cioe dak li rrilaxxa wara li ghamel l-*ultra sound*, dan jaqra;

*"Exam performed:* ***US Abdomen and Pelvis of 04-Oct-2010:***

[9] Fol 138
[10] Dok A fol 4
[11] Fol 138
[12] Dok A fol 5

*The GB is shrunken and filled with stones. CBD is 4mm*
*The pancreas, liver, spleen and both kidneys appear normal.*
*The UB, uterus and both ovaries are unremarkable.*
*Conclusion*
*Chronic calculous cholecycstitis"*

Ir-rapport *ex parte* ta' Dr **Anthony Zammit**[13] li kkonkluda *"In conlusion this case is indeed rare and, as in most of the cases reported, finished in a laparotomy which had no complications. The morbidity lies in the fact that there is a resulting scar in this young lady and that there is also a psychological aftermath which result in a perecentage permanent disability of not more than 5%."*.

Dan ir-rapport ma giex ikonfermat bil-gurament minn Dr. Anthony Zammit, nonostante li dan kien anke indikat fil-lista tax-xhieda attrici kif ukoll fin-nota[14] presentata in ottemperanza mad-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Frar, 2012

Ma l-istess nota imsemmija l-atturi presentaw ukoll in sostenn tat-talba taghhom rigwardanti id-*danum emergens*, ircevuti immarkati bhala Dok AB1[15] rappresentanti kont ta' spejjez medicinali u kura medika mehtiega wara l-intervent, ammontanti ghas-somma ta' €436.08.

In sostenn tat-talba rigwardanti il-*lucrum cessans*, senjatament gew esebiti kopji ta' FS3 tas-snin 2009, 2010, u 2011[16] immarkati bhala Dok AB3[17]. Esebit ukoll mat-tieni affidavit taghha Dok AB1- AB3[18] profiti minn negozju ta' zewgha u

[13] Dok B fol 5
[14] Fol 14.
[15] Fol 16-18
[16] Impieg taghha mall-Baxter.
[17] FOL 21-25
[18] Fol 124 et seq

Dok AB4[19] rapport mahrug mill-accountant Chris Baldacchino rigwardanti l-istess negozzju.

Gie esebit ukoll il-*case summary* ta' Amanda Bilocca ta' l-operazzjoni suggett tal-kawza u dak li okkorra sussegwenti ghall-istess, Dok AB4[20].

Rat ir-rapport ta' Mr Charles Swain[21], li kkonkluda lli "c-*cikatrici li tirrizulta mill-intervent hi permanenti u se tibqa tidher sew."* Zied "*Cikkatrici bhal ta' Mrs Bilocca zgur li tammonta ghal sfregju jekk tkun fuq parti tal-gisem soltu espost bhal wicc, l-ghonq u d-driegh. Ic-cikkatrici ta' Mrs Bilocca tidher biss jekk tilbes bikini u fl-intimita' tal-kamra tas-sodda* <u>*U forsi jekk l-ilbies ikun hafif u dejjaq. Fl-opinjoni tieghi dan ma jsarrafx f'disabilita' permanenti."*</u>

Ma din il-konklussjoni certament ma qabltix l-attrici tant li tablet il-hatra ta' periti addizzjonali li fl-ahhar wara varji digrieti u tenattivi biex jinstabu dawk appositi gew hekk nominati. Dawn presentaw ir-relazzjoni taghhom[22] ikonkludew *"..it is the opinion of the undersigned medical experts that in the present case the plaintiff suffered from two permanent disabilities: 4% for the scarring and 2% for the psychological aspect.*

***In the light of legal principles enunciated above, after having considered both the physical and psychological effects of the permanent disabilitis in a practical way on the plaintiff's whole person, …………it is our conclusion that the weighted average of permanent disability suffered by the plaintiff due to the operation of the 10th December 2010 is of 5%"*** [23]

[19] Fol 127
[20] Fol 26
[21] Fol 53
[22] Fol 109
[23] Fol 118

**Fatti tal-kaz.**

Illi mill-provi jirizulta u dana mhux kontestat nonostante li fil-fatt ma giex esebit il-file mediku komplet ta' l-attrici Amanda Bilocca illi dina fuq suggeriment tal-kirurgu Mr. Schembri stante li kienet tilmenta minn ugiegh f'zaqqa, ghamlet gewwa *Mater Dei ultra sound* liema *test* gie maghmul liha mir-radjologista l-intimat Mukola Katrich. Kif gia rajna huwa kkonkluda lil-attrici kienet sofferenti ta' *Chronic calculous cholecystitis*[24]. L-stess rapport jindika illi ghalhekk lil g*all bladder* ta' l-attrici kien mimli gebel *(gallstones*). Dan l-ezami sar fl-4 ta' Ottubru, 2010.

Jirrizulta ukoll lil kirurgu Mr Schembri fuq tali rapport ta parir lil attrici li kellha tipprocedi bil-kirurgija hekk imsejha *laparoscop*y. L-attrici fehmet li dina kienet operazzjoni zghira li kient tinvolvi qasma zghira, *keywhole,* biex b'hekk titnehhielha l-marrara. Ghalhekk hija dahhlet l-isptar kif kien lilha indikat fl-10 ta' Dicembru 2010 biex isirilha l-istess operazzjoni indikata.

Jirrizulta, u anke dan mhux kontestat illi fil-kors ta' l-istess kirurgija, l-kirurgu Mr Schembri ma sabx il-marrara skont kif indikat fir-rapport suriferit wisq anqas sab jew hass il-*gallstones* hekk indikati, bir-rizultat illi l-operazzjoni hadet tul ta' erba' sieghat kif ukoll li l-kirurgu ghax ma sabx skontu dak indikat fir-rapport ghazel li jiftah zaqq l-attrici u jaghmel investigazzjonijiet ulterjuri anke bl-ghajnuna ta' konsulenti specjalisti ohra.

[24] "Swelling and irritation of the gallbladder that continues over time… Most … chronic cholecystitis is caused by repeated attacks of acute (sudden) cholecystitis. Most of these attacks are caused by gallstones in the gallbladder." **U.S. National Library of Medicine: Medicne Plus.**

Konsegewentement l-attrici spiccat minflok b’dak li kellha tkun lezjoni zghira fuq zaqqha, dik ta’ *keyhole surgery*, b’ticrita ta’ seba centimetri li halliet fuqha l-effetti hawn fuq esposti.

Ikkunsidrat;

**- Relazzjoni peritali**

*“Kif inghad fis-sentenza "**Richard Falzon vs Construct Furniture Limited**" (Prim’Awla Onor Imhallef Raymond C. Pace deciza fis-7 ta’ Dicembru 2006) u s-sentenzi hemm citati, il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt li ghandhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti m’hijiex obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u ghandha dritt li tiskartah, kif tista’ tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova.* ("**John Saliba -vs- Joseph Farrugia,**" Appell deciz fit-28 ta' Jannar 2000; **"Joseph Calleja nomine -vs- John Mifsud,"** Appell, deciz fid-19 ta' Novembru 2001).

Skont l-**Artikolu 681, Kapitolu 12**, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi :-
“*Dan ma jfissirx pero` illi l-Qorti tista’ taghmlu b’mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*” (“**Philip Grima vs Carmelo Mamo et nomine**”, Appell, 29 ta’ Mejju 1998).

Anzi gie wkoll sewwa ritenut illi: "*F' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-dispozizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati*" – "**Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine",** Appell, 9 ta' Frar 2001."[25].

Enuncjati dawn il-principji din il-Qorti a priori tiddikjara illi hija m'ghandha ebda raguni ghala tisskarta l-konkluzjonijiet li waslu ghalihom il-periti addizzjonali u konsegwentement taghmil taghha *n toto* l-istess.

Ikkunsidrat ulterjorment;

**-L-ewwel eccezzjoni** mressqa mill-intimati hija dik li t-Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli biss ghal *culpa in eligendo* u *culpa in vigilando* u ghalhekk li m'ghandux jirrispondi ghal ebda dannu reklamat in kwantu dan ma sehhx b'tort jew nuqqas tieghu.

Dwar din l-allegata responsabilta' nsibu varji zvillupi gurisprudenzjalii.

Ghalhekk inghad illi fil-kaz ta' kritika adottata f'sistema ta' sptar non si trattat ta' *culpa in eligendo,* dan kif gie ben stabbilit mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut vs Chief**

[25] **Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara Bhala Sindku u Paul Gatt bhala Segretarju Ezekuttiv ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsilli Lokali Naxxar.** P.A. 12.06.2014 Cit nru. 1656/2001/1

**Government Medical Officer** deciza fit 12 ta' Ottubru, 2006 fejn in kritika tas-sistema adotatta fl-isptar kuranti wara operazzjoni, il-Qorti qalet dan:

*"F'din il-kawza l-konvenuti gew imsejha biex iwiegbu precizament ghan-nuqqasijiet tas-sistema mhaddma fl isptar, mhux ghan-nuqqas ta' xi impjegat partikolari. Ghalhekk il-kwistjoni tal-culpa in eligendo ma tqumx. Jidher ukoll f'waqtu l-kumment tal-Qorti Civili Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet Michelina armla ta' Emmanuel Spiteri u wliedha Mario, Maria Concetta xebba u Brian ilkoll ahwa Spiteri v. Tabib Principali tal-Gvern u l-Onorevoli Ministru tas-Sahha u Kura ghall-Anzjani, fis-sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2003 fejn jinghad hekk:*

*"Barra minn hekk il-culpa in eligendo hija mehtiega fil-kaz ta' respnsabbilita` ex delicto u mhux fil-kaz fejn kien hemm relazzjoni minn qabel bejn il-partijiet. Ghalkemm ir-relazzjoni bejn il-Gvern u pazjent fi sptar tal-gvern ma hix wahda kontrattwali, madankollu ma jistax jinghad illi ma kien hemm ebda relazzjoni bejniethom qabel l-incident, ghax il-pazjent, kemm bhala kontribwent fiskali u wkoll bhala kontribwent fis-sistema tas-Sigurta` Socjali kellu jedd illi jinghata kura fi sptar tal-gvern, u l-gvern kellu l-obbligu li jaghti dik il-kura. Ghalhekk l-eccezzjoni mibnija fuq nuqqas ta' culpa in eligendo hija michuda u l-Gvern ghandu jwiegeb ghad-danni li garrab il-pazjent."*

*Fil-fehma tal-Qorti dan ir-ragunament japplika wkoll ghall-kaz odjern u ghalhekk ic-Chief Government Medical Officer ghandu jirrispondi u huwa responsabbli ghad-danni reklamati mill-appellati. Konsegwentement taht dan l-aspett l-aggravju mqajjem mill-appellanti m'huwiex gustifikat".*

Dan il-hsieb ta' obbligu kwazi kontrattwali gie anke addottat mill-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Vincent u Mary Gauci vs It-Tabib Ewlieni tal-Gvern u**

**Dr. Albert Feneh M.D. FRCP** deciza 23 ta' Ottubru, 2013[26]. Hawn si trattata wkoll ta' kawza ta' operazzjoni *angioplasty* li ma rnexxietx. Din is-sitwazzjoni tqarreb ghalhekk aktar lejn dik in ezami n kwantu l-kontraditorju huwa wkoll dirett lejn tabib in partikolari, f'dan il-kaz il-kirurgu n kwistjoni kif jindika l-istess isem tal-kawza. Jinghad anzi li hawn il-Qorti marret oltre dak stabbilit fis-sentenza ta' l-appell appena citata. F'sentenza ferm studjata l-Qorti qalet dan:

*"Illi minħabba li l-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni preċiża, bħal leġislazzjonijiet oħra, tal-grad ta' responsabbilita' li għandu jiġi eżerċitat minn tabib bħala tali, il-Qrati tagħna dejjem imxew fuq ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili u adottawhom skond iċ-ċirkostanzi. B'dan il-mod il-Qrati tagħna kkonkludew illi: "il-liġi tissoġġetta l-eżerċizzju tal professjoni għall-grad tar-responsabbilta' li wieħed jistenna minn min jipprepara ruħu u ppreżenta ruħu biex jaġixxi f'dik il-professjoni partikolari." (ara "**Josephine Borg et vs Dr. Anthony Fiorini**" deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju 1994).*

*Illi f'din is-sentenza il-Qorti għamlet riferenza wiesgħa għas-sentenza mogħtija fl-1955 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "**Victor Savona noe vs Dr Peter Asphar"** illi qalet li l-artikolu 1074 tal-Kodiċi Ċivili (kif kien dak iż-żmien) jistabbilixxi l-prinċipju li kull persuna għandha tirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha u l-artikolu 1075 jiddisponi li jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, d-diliġenza u l-attenzjoni ta' bonus pater familias izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-ligi minħabba nuqqas ta' prudenza,diliġenza u attenzjoni fi grad akbar.*

*Illi l-Qorti ċċitat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1921 fl-ismijiet **"Calafato vs Grech"** illi qalet:*

[26] Appell mhux appuntat.

*"La colpa e' un ipotesi giuridica e genercia finche sta nelle* disposizioni della *legge o sui trattati di scienza giuridica,ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili."*

*Illi l-*awtur **Giorgi (Delle Obbligazioni Volum V paragrafu 155**) *kiteb:*

*"Non puo' nnoverarsi fra le colpe ' errore professionali, quello cioe che dipende dall' incertezza e dall' imperfezione dell' arte, non da negligenza o incapacita' di chi la esercita. ... E' scusabile soltanto quella fallibilta' che e' conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti."*

*Illi l-*Qorti *fil-kawża l-aħħar imsemmija ċċitat ukoll l-*awtur **Cogliolo (Scritti varii di Diritto Privato – Teoria delle colpe)** *fejn qal f'paġna 237:*

*"Nelle professioni c'e tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti uccessiv mostra errao – a uesto errore nessuno risponde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina."*

*Illi kien hemm ukoll sentenzi fil-konfront ta' Avukati* **("Agius Fernandes vs Buttigieg**" *deċiża mill-*Qorti *tal-Appell fl-1958) u Nutara* **("Barbara vs Vella"** *Volum XXVII-i-262) illi kollha jagħmlu riferenza għall-*fatt *li l-iżball irid ikun fi kliem l-aħħar sentenzi imsemmija manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacita'.*

*Illi infatti l-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Savona vs Asphar"** kienet illi:*

*"mid-duttrina u ġurisprudenza fuq iccitati għandu jigi ritenut illi t-tabib mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, a meno che dan l-iżball ma jkunx grossolan, u a meno che l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' bonus pater familias."*

*Illi fl-aħħarnett f'din ir-rassenja tajjeb ukoll jiġi ċitat Lord Denning illi fil-kawża **"Hucks vs Cole"** deċiża fl-1968 qal illi:*

*"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations and treatment. A doctor was not to be held negligent simply because something went wrong. He was not liable for mischance or misadventure; or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or for favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practicioner in his field so much that his field so much that his conduct might be deserving of censure or inexcusable."*

*Illi madankollu l-aktar deċiżjoni riċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell tagħna fir-rigward kienu dawk fl-ismijiet "**Frankie Zerafa vs Olga Avramov et**" deċiża fit-30 ta' Mejju 2008 u "**Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et"** deċiża fit-8 ta' Ottubru 2009. F'din l-aħħar kawża l-Qorti kkonkludiet illi r-relazzjoni bejn pazjent u tabib kellha tkun regolata mill-prinċipji li jirregolaw il-kuntratti u t-*

*tabib allura kien responsabbli illi jagħti r-riżultat mistenni mill-pazjent; għalkemm naturalment dan ma jfissirx li huwa marbut li jagħti dak ir-riżultat fis-sens li jekk ir-riżultat ma jasalx ma jfissirx li bilfors it-tabib ikun responsabbli għad-danni. Il-Qorti fl-aħħar sentenza msemmija qalet illi:*

***"Għalkemm, kif ingħad, il-pożizzjoni hawn Malta ġiet eżaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kważi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar loġiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tiġi eżaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jeħtieġ il-kunsens ta' żewġ partijiet, iżda hu veru wkoll li dan il-kunsens jista' jkun taċitu, u anki impliċitu, basta tkun teżisti l-volonta' fil-partijiet li jassumu l-obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imħallas mill-Gvern biex ikun għas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoġġi l-bżonnijiet tiegħu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaċċetta li jagħti s-servizz tiegħu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta' dak il-pazjent – li jaqdi d-doveri tiegħu skont l-aħjar ħila tiegħu. Jista' jingħad li tabib impjegat mal-Gvern ma jistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero' jekk hu hekk, l-għażla jkun għamilha meta mpjega ruħu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa' professjonist u jekk ikun rinfaċċjat b'każ li mhux tal-ħila tiegħu, għandu obbligu jgħaddi l-każ lil tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bħal kull tabib privat. Meta tabib, avolja mpjegat, jaċċetta li jikkura pazjent, jidħol f'relazzjoni diretta miegħu, relazzjoni kuntrattwali li tista' twassal għall-hlas tad-danni f'każ ta' inadempjenza.***" (enfasi ta' din il-Qorti)

*Illi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali, fis-sistema ċivili Maltija, jistgħu jkunu di dare, di fare jew di no fare, u f'każ ta' tabib, ir-responsabbilta' tiegħu titqies bħala waħda di fare, fejn it-tabib qed jiġi mqabbad biex jagħti s-servizz tiegħu bi skop li jottjeni għan definit. Dan ma jfissirx, pero`, li mit-tabib hu mistenni riżultat, u jekk ma jottjenix riżultat, allura jkun responsabbli għad-danni.*

*Illi d-duttrina Taljana tiddistingwi fil-kuntest t'obbligazzjoni di fare, bejn obbligazzjoni di risultato u obbligazzjoni di mezzi. Il-Qorti tal-Appell ta' Milan f'sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 1981, qalet li:*

*"nel contratto d'opera intelletuale, le obbligazioni del professionista sono di mezzi e non di risultato, in quanto il professionista, assumendo l'incarirco, si impegna a prestare la propria opera intelletuale solo al fine di raggiungere il risultato sperato, ma non a conseguirlo."*

*Illi hekk ukoll il-**Corte di Cassazzione** fl-Italja, f'sentenza li tat fil-21 ta' Lulju, 1989, osservat li:*

*"Il contratto che ha per oggetto una prestazione d'opera intelletuale – inquadrabile nella categoria del lavoro autonomo – comporta normalmente per il professionista un' obbligazione di mezzi, nell'adempimento della quale egli e tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige."*

*Illi dan ifisser illi, sakemm f'każ partikolari t-tabib ma jassumix espressament obbligu li jottjeni riżultat, id-dover tat-tabib huwa li juża l-aħjar talenti tiegħu fl-interess tal-pazjent.*

*Illi t-Tribunal ta' Napli, b'sentenza li tat fil-11 ta' Frar 1985, qal li:*

*"La diligenza che il medico deve impiegare nello svolgimento delle sue prestazioni e`quella del regolato e accorto professionista, esercente la sua attivita` con scrupolosa attenzione ed adeguata preparazione professionale."*

*Illli l-istess pożizzjoni tinsab enunċjata fl-*Ingilterra*. Tabib privat, għalkemm marbut b'kuntratt, rari jitqies li jkun ta' garanzija ta' riżultat. L-awtriċi* **Margaret Brazier** *fil-ktieb "***Medicine, Patients and the Law"** *(*Penguin Books*, 1987 Edit, p. 83) tosserva illi:*

*"....only rarely will a private doctor be found to have guaranteed a result. Where a patient is ill and seeks a cure, unless the doctor foolishly and expressly promises success in his treatment, no Court will infer any term other than that the doctor will exercise skill and care."*

*Illi hekk fil-kawża Ngliża* **"Bolam vs Friern H.M.C."** *(1957 W.L.R. 582) il-Qorti qalet illi:*

*"The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art."*

Illi il-**Corte di Cassazione** tal-Italja, f'sentenza mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 1945, enunzjat l-istess principju meta qalet li: "la diligenza che il professionista dove porre nello svoligmento dell'attivita` professionele e' quella del professionista di preparazione e di diligenza media". L-istess Corte di Cassazione, f'sentenza *mogħtija fit-22 ta' Frar, 1988, osservat, pero', illi jista' jkun hemm irresponsabbilita' tat-tabib anki għal 'colpa lieve' meta:*

*" ..... di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadeguatezze od incompletezza della preparazione professionale, ovveroper omissione della media deligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per comune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e, quindi,*

*costituiscano il neccessario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina."*

*Illi jibqa' ovvjament dejjem aċċettat illi: "in the realm of diagnosis and treatment there is ample scope for a genuine difference in opinion, and one man is clearly not negligent merely because his conclusion differs from that of other professional men" ("**Hunter vs Hanley"** 1995).*

*Illi kif allura jidher minn dan l-insenjament irid ikun hemm ċertu livell ta' nuqqas da parti tal-professjonist biex jinstab responsabbilta".*

Dan il-kuncett ta' responsabilta' kontrattwali gie mhaddan ukoll mill Prim Awla f'sentenza ohra moghtija fit-30 ta' April, 2013 fl-ismijiet **Joseph Micallef vs Dr.Ivan Vella u Dr Josie Muscat MD in rappresentanza tas-Summit Eye Laser Clinic u St.James Health Centre** qalet (in ezami ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni):

"*ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero, li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat possittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik di risultato izda di mezzi, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li 'egli e' tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita esercitata esige' (Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju, 1989; kaz nmru 3476). Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri, mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta' dik ix-xorta"* (**Tessie Ellul et vs Dr. Astrid Camilleri**, App. 28/05/20I0).

Insibu wkoll illi lanqas ma gie eskluss illi ir-responsabilta' in ezami tista tkun wahda konkorrenti, dik kontrattwali u dik naxxenti mill kwazi delitti. Dan gie

rimarkat mill-Prim Awla f'decizzjoni fl-ismijiet **Venere Falzon vs Marcello Stella** datata 9 ta' Lulju, 2015, il-Qorti qalet dan:

*"Jibda biex jinghad illi fil-kura medika anki dik li ghandha x-taqsam mal-kirurgija estetika r-rapport tat-tabib u l-pazjent hu wiehed primarjament kontrattwali. Ara f'dan is-sens* ***Rose Gauci et vs Mr. Donald Felice*** *et (App 31/10/2008);* ***Joseph Micallef vs Dr. Ivan Vella*** *(PA 30/04/2013);* ***Linda Busuttil vs Dr. Josie Muscat et (App 27/06/2014)****. Din il-Qorti pero ma teskludix kif qalet il-Qorti fil-kawza* ***Arthur George Lambert et vs Anthony Buttigieg pro et noe et*** *(Kost 18/04/1963) li jista' jkun* ***hemm responsabilta extra kontrattwali naxxenti minn inadempjenza kontrattwali u t-tnejn jistghu jikkozistu. <u>Hu minnu pero li d-distinzjoni hi aktar wahda dwar l-effetti milli wahda dwar il-htija per se ghax id-dannu jibqa' wiehed u huma l-konsegwenzi naxxenti mid-dannu li</u> <u>jinfluixxu fuq ir-rapport bejn il-partijiet</u>[27]<u>.</u>*** *Wara kollox kulhadd irid jirrispondi ghal hsara li tigri bi htija tieghu anki minghajr hsieb li jaghmel hsara rifless fil-principju 'alterum non laedere', u li kif intqal fil-kawza Il-Pulizija vs Louis Portelli App Krim 04/02/1961) fil-kaz ta' professjonaista, id-diligenza li dan ghandu jopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu."*

Dan il-kuncett ta' zewg responsabbiltajiet konkorrenti gie ben spjegat minn **Massimo Franzoni** fil "**Le Obbligazioni da Fatto Illecito"** UTET, 2004; Vol.II, §19, p.45), *"La responsabilità del professionista è una responsabilità contrattuale, che trova la propria fonte nel contratto d'opera intellettuale; tuttavia, viene in rilievo anche la responsabilità extracontrattuale, ogni qual volta un comportamento illecito leda non solo i diritti che un soggetto possa vantare in base alla pattuizione con il responsabile, ma anche un bene protetto dalla legge indipendentemente dall'esistenza del contratto."* Jizvillupa il-hsieb dwar il-kolpa medika billi jghid illi, "*Al riguardo, si è consolidata, in via*

[27] Enfasi ta din il-Qorti.

*generale, la regola della c.d .doppia responsabilità: la responsabilità contrattuale della struttura e la responsabilità extracontrattuale del medico. La responsabilità dell'ente è, di solito, considerata di natura contrattuale, perché tra l'ente ed il paziente è stato stipulato un contratto avente ad oggetto la prestazione sanitaria di cui il paziente necessita. Invece, la responsabilità del sanitario è considerata extracontrattuale, dal momento che lo stesso è considerato terzo rispetto ai due contraenti. Tuttavia, al fine di tutelare il paziente in tutti i modi e nella misura maggiore possible, si sta consolidando l'orientamento giurisprudenziale, che tende a ricondurre ai principi della responsabilità contrattuale anche l'illecito compiuto dal medico dipendente, sulla base dell'idea che la responsabilità contrattuale tuteli meglio il paziente, offrendo una garanzia più ampia, fondata sul più lungo termine di prescrizione e su un miglior regime probatorio. Di recente per giungere a questa impostazione, si è ritenuto che l'obbligazione gravante sul professionista dipendente derive da un «contatto sociale», con il paziente, con il conseguente nascere in quest'ultimo di un affidamento nella corretta esecuzione della prestazione professionale."* (ibid., §19, pp.61-62).

Imhaddan dan it-taghlim, il-Qorti tqis illi in kwantu l-ezami dibattut u cioe s-CT *Scan* sar gewwa Mater Dei, lir-radjografu jaqa taht l-awtorita' ta' l-istess sptar u in kwantu l-attrici u zewgha kienu kontribwenti bit-taxxi, indirettament allura anke lejn din l-istruttura ta' l-isptar, ghalhekk ir-relazzjoni naxxenti bejn pazjent u it-Tabib Principali tal-Gvern u allura anke l-impjegati tieghu, hija regolata mill-istitut tal-kuntratt. Illi ghalhekk l-eccezjonijiet mressqa taht il-*culpa in eligendo* u *culpa in vigilando* ma jiccentraw xejn fil-kwistjoni in dezamina u ghandha tigu michuda.

Illi pero ghal grazzja ta' l-argument kieku biss hawn si trattat ta' sitwazzjoni ta' kwazi delitt allura l-Qorti taghmel referenza ghal dak li skontha ghandu

jirregola ir-reponsabilta' tad-datur tax-xoghol in konfront ta' l-impjegat tieghu, inghad fil-kamp ta' din ir-responsabbilta' mill-Qorti ta' l-Appell illi *" il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabilta' ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"* ( **Grech v. Kummisaarju tal-Pulizija** deciza minn din fl-1 ta' Marzu 1988 u dik fl-ismijiet **Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et,** deciza il-Qorti, Sede Inferjuri fit-30 ta' Novembru, 2010).[28]

**Illi konsegwentement tichad l-ewwel eccezzjoni mressqa.**

**It-tieni eccezzjoni da parti ta' l-intimat Dr. Mukola Katrich hija fis-sens illi huwa ghamel minn kollox skont is-sengha u l-arti u lir-rapport illi ghamel ghamlu b'attenzjoni kbira kontrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti.**

Illi tenuti l-principji hawn fuq enuncjati, jekk jirrizulta ness bejn id-dannu subit minn Amanda Bilocca u l-operat dirett tal-konenvut Mukola Katrich allura huwa ghandu jirrispondi wkoll ghall istess. Illi fid-decizzjoni fl-ismijiet **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi *"minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-azjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilta' u ghall-hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi*

[28] Mhux fil-fatt ikkontestat illi l-intimat jahdem fi hdan l-istess Sptar allura taht il-mansjoni tat-Tabib Principali tal-Gvern

*damnum emergens u lucrum cessans inkluz f'kaz ta\' disabilta' permanenti dak stipulat fl-artikolu 1045"*

Illi jirrrizulta nkontestat illi il-kirurgu Mark Schembri ddecieda li joppera lill-attrici Amanda Bilocca wara li ezamina u ra ir-rizultat ta' *ultra sound* presentat lilu u mahrug minn Dr.Mukola Katrich. Kif gia rrizulta dana ta stampa li l-attrici kienet sofferenti ta' *shrunken Gall Bladder filled with stones.* Tant kien konvint minn dina id-djanjosi l-istess Katrich illi ta anke qies ta CBD cioe tal-*common bile duct* biex issahhah it-tezi tieghu u wassal biex ikkonkluda lli Amanda Bilocca kienet sofferenti ta' *Chronic calculous cholecystitis.*

Illi l-konsegwenzi ta' din id-djanjozi gew hekk espressi fir-rapport peritali addizzjonali:*"Illi ir-radjologista Dr.Geoffrey Sant jghid hekk fil-parti tar-relazzjoni tal-periti addizzjonali koncernanti l-ispecjalizazzjoni tieghu: "The images show echogenic areas with distal attenuation of the ultrasound beam but no image of the gall bladder was present. To diagnose a contracted gall bladder the wall of the gall bladder would have to show up as a thickened structure of more than 3 mm in thickness as 3 mm thickness is normal and 4mm or 5mm thickness would be the thickness of a shrunken gall bladder.* ***In the images that I saw there is no trace of a thickened gall bladder wall.***[29]

*The echogenic shadows which were mistaken for gall stones were in fact gas in the duodenum. The configuration or lineup of the echogenic shadows is C shaped more in keeping with the position of the duodenum. Also the length of the lineup of the echogenic shadows is too long and one would expect that in a contracted gallbladder the stones would be more crowded and not spread over*

[29] Enfasi ta' din il-Qorti.

*a long distance. Peristalsis, that is contraction of the bowel, if noted would have indicated that what was thought to be a gallbladder was in fact bowel."*[30]

Dan l-espert ghalhekk ikkonkluda illi d-djanjozi ta' *"chronic calculus cholecystis"* kienet wahda zbaljata; *"In view of the above the conclusion of a 'chronic calculus cholecystitis' was wrong."*[31]

Illi l-Qorti gia espremiet il-fehma taghha illi m'ghandha xejn xi tbiddel minn dak konkluz mill-esperti nominati. Ir-raguni li ta il-konvenut it-tabib Mukola fix-xhieda tieghu biex jiggustifika l-izball hija dghajfa. Gialadarba jidher li kien hemm problema biex jara il-*gall bladder* imissu qatt ma azzarda djanjozi bil-konsapevolezza u konsegwenza ta' operazzjoni sussegwenti li ma setghet qatt tirnexxi fl-assenza ta' dak imfittex. Anke jekk huwa koncess kif ighidu l-istess intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li din hija kundizzjoni ferm rara[32]. Tfakkar hawn il-Qorti illi l-istess attrici fl-affidavit taghha tghid li l-istess tabib radjologu kien mill-ewwel saqsieha jekk kienetx ghamlet operazzjoni biex tnehhi l-marrara[33]. Dana kollu jinghad aktar u aktar meta hu stess semma aktar mezzi ad disposizzjoni ghal ezamijiet ulterjuri bhal MRI u *Tomography*[34], li setghu jghinu fl-investigazzjoni u jikklarifikaw kull dubbju. Ma kienx ghaqli minnu li jazzarda konklussjoni meta ma setax qatt jara *gall bladder* ghax dana kien mankanti fil-pazjenta l-attrici.

**Illi konsegwentement il-Qorti tichad ukoll it-tieni l-eccezzjoni mressqa.**

**Talba ghad-danni**

[30] Fol 110
[31] Fol 111
[32] Fol 155
[33] Fol 36
[34] Xhieda fol 139

L-artikolu 1045 tal-Kap16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib*".

Fis-sub-artikolu (2) insibu li *"Is-somma li ghandha tiġi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Ghal dak li huma dannu emergenti, mhaddna il-principji stabbiliti mill-Qrati taghna, din il-Qorti m'ghandha ebda diskrezzjoni in kwantu ghal tali risarciment, cioe dak konsistenti f'telf finanzjaraju kagun ta' spejjez inkorsi mill-attrici minhabba l-hsara lilha ikkaġunata, allura anke kura medika u medicini relattati, kif ukoll ghal telf ta' qliegh attwali hekk relatati.[35]

In segwitu ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta[36], l-attrici presentat nota li biha indentifikat dak li skontha kienu d-danni inkorsi kemm bhala *damnum ermergens* kif ukoll *lucrum cessams.* [37]

Illi l-ammont pretiz reklamat bhala dannu emergenti mill-operazzjoni huwa kif jirrizulta mid-dokument AB1 ammontanti ghal €436.08 "*rappresentanti spejjez ta' medicinali u kura ohra medika mehtiega*

[35] Appell Civili **Darren Sammut vs Eric Zammit**: 03.12.04
[36] Fol 13
[37] Fol 14

*wara l-intervent"*[38]. L-ircevuti annessi mad-dokument imsemmi[39] ma gew qatt konfermati bil-gurament mill-attrici, pero lanqas *per se* ma gew ikkontestati mill-konvenuti.

Illi pero nonostante cio, in kwantu dak li jirrizulta mix-xhieda mressqa, riferibbilment ghal-involiviment tal-kirurgu Mr. Mark Schembri, l-ircevuta mahruga mid-ditta *Health Services*[40] u li ggib id-data ta' 06/01/11, allura ftit xhur wara l-intervent kirurgu, ricevuta mahruga mill-istess kirurgu, fl-ammont ta' hamsa u erbghin ewro, € 45, hija acetabbli ghal Qorti bhala prova ta' l-ammont fiha reklamat. Pero l-ircevuti l-ohrajn, ukoll kopji, pero ta' kwalita' fqira, ma hijhomx bizzejjed indikattivi jew jaghtu xi informazzjoni cara ta' dak mixtri u l ghaliex. Il-Qorti tista tifhem u tara li dawn huma spejjez medicinali, pero kif gew lilha presentati huma prova fqira u xejn cara ta' hekk. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux se tqieshom ghal komputazzjoni ta' *damnum emergens*. **Ghaldaqstant l-ammont li fil-fehma tal-Qorti gie pruvat lilha bhala *damnum emergens* kien ta' hamsa u erbghin ewro, €45.**

Fl-istess nota imsemmija[41], l-attrici ghal fini ta' likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, prezentat il-karta ta' l-identita' taghha, DokAB2[42],

[38] Ibid
[39] Fol 16-18
[40] Fol 16
[41] Fol 14
[42] Fol 19 u 20

kopja tal-FS3 tas-snin 2009, 2010 u 2011, dawn bhala Dok AB3[43], fost dokumenti ohrajn. Presentat ukoll bhala Dok AB1[44], AB2[45], AB3[46] u AB4[47], li huma l-*profits and loss Account* tan-negozzju li hi tmexxi ma zewgha, l-ewwel tlett dokumenti huma dawk li jigu annessi mal-*Income Tax Return*, dawn ghas-snin 2012, 2013, 2014.

Ikkunsidrat;

Fis-sistema nostrali, fir-rigward ta' likwidazzjoni ta' dawn id-danni, dawk li jolqtu telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*), insibu varji zviluppi fil-gurisprudenza lokali. A kontarju ta' dak li ntqal fil-konfront tad-*damnum emergens*, hawn, u dan jirrizulta anke mill-qari nnifsu ta' l-artikolu 1045, il-Qorti tgawdi certa diskrezzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-istess.

Fil-kaz ricenti fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Bonello deciz fil-25 ta' Frar 2016**[48] din il-Qorti diversament preseduta elaborat b'mod elokwenti l-principji generali applikabbli f'din il-materja kif rassodati fil-gurisprudenza matul is-snin:

*"Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *– A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha multiplier system, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar recenti peress li, kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *– A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu*

[43] Fol 21
[44] Fol 124
[45] Fol 125
[46] Fol 126
[47] Fol 127
[48] Rik Gur 836/01LSO

*konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu." Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f' Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **"Savona vs Asphar"** App. Deciz fit-23 ta' Gunju 1952; u li "ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut." ("**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**":- 13.5.2003); u li "dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`." – **"Francis Sultana vs John Micallef et noe et"** – Appell deciz fl-20 ta' Lulju 1994.*

*Madankollu, fil-kaz **"Paul Debono vs Malta Drydocks**" P.A. deciza fis-27 ta' April 2015, intqal:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l nkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."*

***Multiplier***

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh*

*li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bhala:*

*"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* ***(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).***

*Ghalhekk gie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-kaz "***Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace***" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li:*

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

*Il-multiplier gie definit kif gej:*

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both*

*the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income.” (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).*

*Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.*

*Minbarra dan il-linja ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[49]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji[50].*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:*

*“The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the*

[49] *“**Borg pro et noe vs Muscat**” P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.*
[50] *Ara “**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**” – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; “**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**” (P.A. 16 ta' April 1991); “**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**” deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.*

*deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…..”* ***(Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).***

***Tnaqqis minhabba lump sum payment***

*Illi dwar il-lump sum jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet “**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**.” (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

*“Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data.”*

*Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **“Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri”** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li –*

*“Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv.”*

*Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **“Jos Agius vs All Services Ltd.”** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) “f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-*

*fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

*Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "***Agius vs Fenech***" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "***Sylvester Tabone vs Carmen Abela"*** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u ***"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd***." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).*

F'decizzjoni aktar ricenti moghtija mill-Prim'Awla fl-ismijiet **Raisa Gauci vs George Desira** tas-16 ta' Marzu, 2016, ntqal dan:

*"Illi l-Qorti tifhem li l-prattika mħaddma fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-lucrum cessans jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident, jew minn dak inhar li titressaq il-kawża. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sewwa mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata l-paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha. Ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak inhar tal-korriment. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-multiplier jibda jitqies minn dak inhar tal-inċident kolpuż;*

*Illi l-punt li l-aktar li jidher li fired lill-partijiet huwa dak tal-konsiderazzjoni tal-kejl tal-multiplier li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Il-Qorti tagħraf li l-kriterju tal-multiplier ma jiħux tabilfors in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-ħajja kollha tax-xogħol tal-persuna mġarrba. F'dan ir-rigward, illum huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-multiplier huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika. Madankollu, huwa daqstant minnu li l-kejl tal-multiplier intuża wkoll mill-Qrati tagħna fejn l-eta' tal-persuna korruta kien qabeż l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u minkejja li l-vittma ma kenitx taħdem bi qligħ minnufih qabel l-inċident. Dawn id-deċiżjonijiet jagħtu piż lill-argument tal-attriċi, u għalhekk il-Qorti fuq l-iskorta ta' sentenzi mogħtijin fl-aħħar żminijiet, u sejra tadotta multiplier ta' sebgħa u tletin (37) sena;*

*Illi, għar-rigward tat-tnaqqis li jsir mis-somma li tiġi hekk likwidata, l-attriċi ma ssemmi xejn filwaqt li l-imħarrek jgħid li jmissha titnaqqas is-'solita' għoxrin fil-mija (20%). Wara li l-Qorti qieset li l-inċident ilu li ġara madwar tmien (8) snin u l-kawża nfetħet ftit anqas minn seba' (7) snin ilu, u wara li qieset li l-imħarrek stqarr mill-ewwel il-ħtija tiegħu u l-attriċi ma ikkollaboratx minnufih mal-assikurazzjoni tal-imħarrek biex ittemm il-kwestjoni bla ma kellha tirrikorri għall-kawża, il-Qorti sejra tqis tnaqqis minħabba l-lump sum payment, u li f'dan il-każ sejjer ikun ta' għaxra fil-mija (10%) minħabba li s-somma li sejra tkun likwidata favur l-attriċi sejra titħallas f'daqqa;*

*Illi dwar il-moltiplikand, jidher li l-imħarrek jaċċetta ċ-ċifra indikata mill-attriċi, li nqdiet bil-kejl tal-paga minima stabilita mil-liġi għas-sena 2010, aġġustat bir-rata tat-tnejn fil-mija (2%) biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-*

*ħajja. Illi dan ifisser li jkun xieraq li l-Qorti timxi ma' medja ta' mija u sitta u ħamsin euro (€165) kull ġimgħa bħala dħul mix-xogħol tal-attriċi għall-finijiet ta' kalkolu bażi ta' kumpens;*

*Illi, meħudin dawn il-kriterji kollha b'qies, il-Qorti qiegħda tillikwida bħala l-lucrum cessans li l-attriċi jistħoqqilha titħallas fis-somma ta' elfejn tmien mija u sebgħa u ħamsin euro (€ 2,857);"*

**Huwa rilevanti ghal kaz in ezamili jigi rilevat li l-attrici fil-kawza appena riferuta kellha l-eta tenera ta' tmintax (18) il-sena.**

Ikkunsidrat;

Illi kif gia nghad l-attrici waqfet tahdem mal Baxter u bdiet tghin lil zewgha fin-negozzju ta' zewgha[51]. Mill-FS3 esebiti jidher li hadmet f'dan l-impieg mal-Baxter sas-sena 2011.[52] Ma ingabitx prova minn naha taghha ta' qliegh li hija qed tippercepixxi minn n-negozzju tal-familja. Lanqas ma jirrizulta li hi formalment impjegata fi hdan l-istess. Il-prova li ngabet fil-konfront tan-negozzju hekk gestit kienet kif gia intqal il-*profit and loss accounts* ta' l-istess li jigu annessi mal *income tax return* ta' Emilio Bilocca, zewgha. Pero fil-fatt l-attrici setghet kienet tahdem biss bhala mara tad-dar u xorta kien ikollha driitt ta' kumpens ghad-danni *lucrum cessans* dana kif gie ben stabilit fil-gurisprudenza nostrali[53]. *Multo magis* allura haqqa kumpens ghal telf, ciononostante nuqqas ta' impieg formali, meta hi qeghda bla dubbju ta' xejn tikkontribwixxi biex jitkattar in-negozzju imsemmi. Certament in segwitu ghal principji ennuncjati fil-gurisprudenza taghna, l-attrici ghandha dritt ghal kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghat-telf ta' qliegh li hi se soffri.

[51] **Emilio Bilocca Handyman Services**
[52] Fol 23
[53] **Helen Vella vs Monica Compagno**; 30.10.15 P.A.

Fin-nota ta' sottomisjonijiet ta' l-attrici l-Qorti giet mistiedna illi tqies nofs il-qliegh percepit minn zewgha minn negozzju imsemmi, bhala qliegh annwali taghha.

Terga ssostni l-Qorti li ghalkemm huwa ferm tenibbli u veritjier dak mitqal mill-attrici fl-ghajnuna li hija taghti f'dan in-negozzju, u ghalkemm verament nofs il-qliegh jibqa taghha nkwantu parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti(diviza) dejjem jekk ezistenti bejn il-konjugi Bilocca, pero dan ma jfissirx li dana ghandu jkun meqjus bhala l-qliegh annwali taghha. L-ammont ta' €55,000 huwa qliegh li zewgha jaghmel minn dan in-negozzju u jirrispondi hu biss ghalih.

Illi ghalhekk biex tassal ghas-somma meqjusa bhala idoneja bhala bazi tas-somma li tirrapresenta l-qliegh ta l-attrici tul dawn is-snin, il-Qorti se tiehu l-*average* tal-paga li l-attrici kienet tippercepixxi ghas-snin 2010 u 2011[54] minn mal Baxter, cioe l-ahhar li hadmet ma' l-istess dan jaghti ir-rizultat medju ta' mija u sebghin ewro (€170.00) fil-gimgha[55]. Il-Qorti ghalhekk se timultiplika din is-somma bi tnejn u hamsin (52) imbghad bit-tnejn (2) biex tkopri dawn is-sentejn li jaghti rizultat ta' sbabatx il' elf sitt mija u temnin ewro €17,680. B'zieda ma dan ghas-snin 2012, 2013, 2014 2015[56] 2016 l-Qorti tqies *arbitrio bono viri* illi l-attrici bil-kontribut taghha ghan-negozzju gestit minn zewgha ghandha tinghata bhala qliegh is-somma annwali ta' sittax il-elf Ewro €16,000; dana jaghti s-somma globali ta'€80,000. Ghalhekk il-qliegh ta' l-attrici mid-data ta'l-incident ghal dawn l-ahhar sitt snin huwa kkalkolat ghas-somma ta' €97,680.

---

[54] Skont FS3 presentati.

[55] Dan l-ezercizzju il-Qorti ghamlitu stante li kif jidher mill-FS3 gia msemmija l-gross gie kkalkolat sax-xahar ta' Novembru, 2011.

[56] Dok AB1 sa AB4

Illi stabbilita din is-somma ssegwi ukoll li minhabba li l-istess trid tkopri incidenzi bhal gholi tal-hajja u l-*purchasing power* tal-valuta legali fil-futur, allura din is-somma ghandha tiġi aggustata bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) kif suriferit fil-giudizzju l-ahhar citat. Dan jammonta ghas-somma globali ta' €99,633.6

Dwar il-*multipler* li ghandu jigi adottat, il-Qorti qieset l-eta ta' attrici fiz-zmien l-operazzjoni u cioe dak ta' 31 sena qieset ghalhekk lil multiplikant idoneju ghandu jkun dak ta' **hamsa u ghoxrin (25)** sena. Kif gia gie stabbiliti l-percentagg ta' dizabilta' accetat mill-Qorti huwa dak ta' **5%**.

Jibqa biex jigi kkalkulat deduzzjoni li ghandu ssir in vista tal-pagament *lump sum* li se tircievi l-attrici, somma li kif inghad tista tiġi aktar imkattra anke bi investimenti opportuni. Dan huwa fattur li m'ghandhux jigi traskurat biex b'hekk jintlahaq bilanc ekwittativ bejn id-danneggjat u r-responsabbli. Maghduda l-fatti kollha esposti, l-eta ta' l-attrici, it-tul tal-kawza, mis-sena 2012, (sentejn ukoll mohlija biex jinsab qbil fuq il-periti addizzjonali, ghalkemm mhux b'xi tort ta' l-attrici), tenut kont ukoll tas-sena li fiha sehhet il-kirugija,[57] il-Qorti tqies idoneju li tali tnaqqis ghandu jkun ta' 10%.[58]

Ghaldaqstant is-somma likwidata bhala *lucrum cessans* ghandha tinhaddem;

€16,605.6[59] fis-sena x 25 sena (multiplier) = €415,140 x 5% (disability)= €20,757-10% (*lump sum payment* u tul ta' kawza) = **€18,681.30**

[57] 2010

[58] Ara per ezempju **Kyle Saliba vs John Borg et**. deciza mill-Prim'Awla 23.10.15

[59] Is-somma globali diviza b'sitt snin.

Tqies ghalhekk illi l-*lucrum cessans* spettanti lill attrici ghandu jkun fl-ammont ta' **€18,681.30.** Maghdud dan mas-somma konstatata bhala *damnum emergens* jaghti somma globali ta' **€18,726.30**

Tqies ukoll il-Qorti lli z-zewg konvenuti ghandhom solidament bejniethom ikunu responsabbli ghad-danni likwidati. Kif inghad fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Frar, 2005, fil-kawza **Kevin Mifsud v. Sparkasse Bank Malta p.l.c. et**:-

*"Fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova li d-danni kagunati lilu kienu konsegwenza ta' negligenza ta' xi wiehed miz-zewg konvenuti jew tat-tnejn f`daqqa izda dawn tal-ahhar ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement li l-hsara kienet giet kawzata minhabba n-negligenza ta' wiehed minnhom u mhux tal-iehor. F`dawn ic-cirkostanzi, t-Tribunal jidhirlu li ghandu japplika l-Artikolu 1050 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jipprovdi bil-mod segwenti:*

*"Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn".*

*"Fic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jigu dikjarati solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur b`riserva ghal kwalsisasi dritt spettanti lilhom fil-konfronti ta' xulxin ... Ferma din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li kien vizzjat ir-ragonament tat-Tribunal fejn dan irrikorra ghad-dispost ta' l-Artikolu 1050 tal-Kodici Civili. B` osservazzjoni generali jrid jinghad li dan id-dispost hu ntiz b` referenza ghall-*

*ipotesi fejn id-dannu medesimu jkun il-konsegwenza ta' diversi atti minn diversi persuni responsabbli, anke jekk indipendentement minn xulxin, imma li flimkien jikkonkorru ghall-produzzjoni tad-dannu.*

*"Jidher li l-iskop fondamentali wara dan il-provvediment hu dak li jsahhah il-garanzija tad-danneggjat billi takkordalu l-fakolta li jazzjoni lil kull wiehed mis-suggetti responsabbli minghajr il-htiega li jippersegwixxi lil kull wiehed ghal kwota tieghu tal-htija. In-norma hi applikabbli wkoll fil-kaz li l-ko-awturi tad-dannu jwiegbu skond titoli diversi u, certament, imbaghad, fil-kaz li ma jkunx jista' jigi accertat, bhal f`dan il-kaz, min ikun effettivament ta lok ghad-dannu. Jikkonsegwi illi ghall-fini tar-responsabilita' solidali l-unicita' tal-fatt dannuz hi relattiva unikament ghad-danneggjat u din il-forma ta' responsabilita' ssehh, "meta l-Qorti tkun fl-impossibilita' li tirrikonoxxi f`liema mizura kull wiehed mill-konvenuti ppartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz". (Kollez. Vol. XLIX P II p 703; Vol. XXXIV P II p 518). Fil-fehma tal-Qorti, it-Tribunal f` dan il-kaz ghamel sewwa li adotta din ir-regola."*

**Ghal dawn il-mottivi tiddecidi l-kawza billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa t-talbiet attrici billi tqies lil konvenuti solidament responsabbli bejniethom ghal dak li okkorra;**

**1 tillikwida d-danni fis-somma ta' tmintax il-elf seba' mija sitta u ghoxrin ewro u tlettin centezmu €18,726.30;**

**2 tikkundana lil konvenuti solidament bejniethom ihallsu lil attrici s-somma ta' tmintax il-elf seba' mija sitta u ghoxrin ewro u tlettin centezmu €18,726.30;**

**3 l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu bejn il-konvenuti\ nofs bin-nofs;**

**4 l-imghax legali ghandu jibda jidekorri mid-data ta' din is-sentenza.**

**Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**John Muscat**

**Deputat Registratur**